**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 23 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gilbert Gatt**

**Illum 11 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Gilbert Gatt detenur tal-karta tal-identita Maltija 220300 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar is-06 ta' Mejju 2022 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' bil-lejl (22:30hrs) fi Triq is-Salina, gewwa n- Naxxar:
>
> 1. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCJ 674 minghajr ma kellu licenzja tas- sewqan;
>
> 2. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCJ 674 minghajr ma kien kopert, ghall- uzu tal-istess vettura minnu, b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni; u

3. Bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju, saq xi vettura, kemm jekk immexxija b'forza mekkanika, kemm b'mezz iehor, minghajr il-kunsens tas-sid taghha jew ta' xi awtorità kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Dicembru, 2022, fejn il-Qorti wara li din il-Qorti:

Ghar-ragunijiet msemmija l-Qorti filwaqt illiberat lill-imputat mill-imputazzjoni numru tnejn (2) peress illi ma' rrizultax, sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 65, Art. 15(1)(a)) u tat-tielet imputazzjoni (Kap. 65, Art. 61(1)) fuq ammissjoni tieghu stess u kkundanatu jhallas multa ta' erbgha mija u ghoxrin (€ 420). Din il-multa thallset f' pagamenti mensili ugwali fuq medda ta' ghaxar xhur ai termini tal-Art. 14(2) tal-Kap. 9 b'dan illi jekk ma jsirx hlas ta' xi wiehed mill-pagamenti l-bilanc jsir dovut u jkollu jithallas kollu minnufih, B'zieda mal-piena l-Qorti skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmient (8) ijiem (Kap. 65 Art. 15(3)).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

Ghaldaqstant l-esponenti, ghal dawn il-motivi, u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni orali ta' dan l-umli appell, filwaqt li tinterponi appell mis- sentenza moghtija nhar 1-14 ta' Dicembru 2022 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi, u filwaqt li taghmel referenza ghall- atti kollha tal-kawza titlob bir-rispett sabiex dina 1-Onorabbli Qorti toghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni u tikkonfermaha wkoll fir-

rigward tal-piena erogata fir-rigward ta' dawn l-istess imputazzjonijiet u tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

U

2. Thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni (cioè tar-reat ikkontemplat taht is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal- Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta), u minflok tghaddi biex issib htija u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Gilbert Gatt li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**E. L-Aggravju:-**

Illi fid-19 ta' Jannar 2023, l-esponenti ircieviet minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kopja skenjata tal-atti processwali fl-ismijiet premessi u tas-sentenza appellata u hassha aggravata bihom b'mod car u manifest hekk kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni (cioè tar-reat hekk kif ikkontemplat taht is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta), l-esponenti umilmenti u b'kull dovut rispett tissottometti li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi hekk kif ser jigi spjegat.

Illi fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati osservat li kull polza ta' assigurazzjoni ta' vettura trid tkun minimament tkopri t-terzi persuni u ghaldaqstant, m'huwix possibbli li kumpannija ta' assigurazzjoni tohrog polza ta' assigurazzjoni ta' vettura minghajr ma' tkopri t-terzi. Osservat li gjaladarba tigi esebita l-polza tal-assigurazzjoni, allura dan ikun ifisser li r-reat hekk kif inhu kkontemplat fis-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kaptiolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jigi kompletament eskluz. In vista ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti kkonkludiet li fir-rigward tal-koperatura tat-terz ma taghmilx differenza jekk min kien qieghed juza l-vettura u kkawza d-danni kellux licenzja tas-sewqan jew le, ghandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwix b'xi mod eskluz mill-koperatura tal-polza jew le.

Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti tibda billi taghmel referenza ghas-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, liema subartikolu jistipula illi:

> *3.(1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, hadd ma jista' juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

Illi minn dan is-subartikolu, jermergu s-segwenti elementi li jridu jigu sodisfatti sabiex ir- reat in kwistjoni jissussissti:

1. L-imputat: fil-kaz ta' uzu, l-imputat jista' ikun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taht il-ligi. Fil-kaz ta' igieghel jew ihalli, l-imputat irid ikun sid il-vettura, xi hadd li ghandu pussess taghha jew inkellha xi hadd li lilu giet fdata l-vettura;

2. Il-vettura bil-mutur: trid tintuza vettura bil-mutur sabiex dan ir-reat jissussissti;

3. Il-lok: il-vettura bil-mutur trid tintuza fit-toroq;

4. Il-persuna li tkun qieghda ssuq il-vettura trid tkun koperta, ghall-uzu ta' dik il-vettura minnha, b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Illi dwar l-ewwel tliet elementi, ma hemm l-ebda kontestazzjoni u in fatti l-Qorti rat li dawn gew ampjament ippruvati. Però, il-Qorti kkonkludiet li r-raba' element ma giex sodisfatt u ghaldaqstant illiberat lill-appellat. Huwa f'dan ir-rigward li l-esponenti, dejjem bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati, mhux qieghda taqbel mal-interpretazzjoni moghtija minnha. Fl-umli fehma tal-esponenti, ai fini ta' dan l-element, li hu rikjest li jigi ppruvat hu li s-sewwieq ta' vettura huwa kopert, ghall-uzu tal-vettura minnu, b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Hekk kif gie osservat fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Emeritus Imhallef Lawrence Quintano, fil-kaz fl-ismijiet **<u>il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs. Maximilian Ciantar</u>** fl- 24 ta' Ottubru 2011:1

Is-serhan tal-mohh li l-vittma ghandu cans ikbar ghar-rizarciment tad-dannu civilment minhabba li kull karozza trid tkun assigurata bl-ebda mod ma jxejjen id-dmir li kull sewwieq ikun assigurat u li jekk jongos li jaghmel dan jista' jinstab hati ta' reat.

Illi dan ifisser li kull sewwieq ghandu d-dmir bil-ligi li jkun personalment assigurat b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni. Allura, fil-kaz in ezami, dan ifisser ukoll li l-imputat, qua appellat, bhala sewwieq tal-vettura in kwistjoni, ried jipprova lill- Qorti tal-Magistrati li huwa, bhala sewwieq tal-vettura in kwistjoni, kien kopert personalment, ghall-uzu ta' dik il-vettura minnu, b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Illi ai termini tas-subartikolu 1A tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(1A) Ikun prezunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-sehh skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat tal-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4).*

Illi minn qari ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi, huwa evidenti li l-legislatur qieghed fuq l- ispalla tal-persuna akkuzata (u cioè min juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur) il-htiega li hija tezonera lilha nnifisha mir-responsabbiltà kriminali billi:

- F'kaz li l-persuna akkuzata hija s-sewwieq tal-vettura, hija trid tipprezenta fl-atti tal-kawza c-certifikat tal-polza tal-assigurazzjoni li juri li, bhala sewwieq tal- vettura, hija koperta bl-istess ghall-uzu tal-vettura minnha.

- F'kaz li l-persuna akkuzata hija dik li gieghlet jew halliet persuna ohra tuza l-vettura, trid tipprezenta c-certifikat tal-polza tal-assigurazzjoni li juri li, dik il-persuna l-ohra li uzat il-vettura, kienet koperta bl-istess ghall-uzu ta' dik il-vettura minnha.

Dan ghaliex ma jfissirx li ghalkemm tkun inharget polza ta' assigurazzjoni fuq vettura, is- sewwieq tal-istess ikun necessarjament kopert bl-istess.

Illi f'dan il-kaz in ezami, l-appellat kien is-sewwieq tal-vettura. Huwa ressaq bhala prova quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-polza ta' assigurazzjoni relatata mal-vettura in kwistjoni. Izda' però, minkejja li giet esebita din il-polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-*Policyholder, and Any Driver aged 25 years and over Driving on the Policyholder's order or permission*, l-esponenti tissottometti li qatt ma jista' ikun li l-appellat kien kopert b'tali

polza u dan in vista tal-fatt li fid-data tar-reat in kwistjoni, l-appellat, fuq ammissjoni tieghu stess, ma kellux licenzja valida tas-sewqan. In vista ta' din ir-raguni, l-appellat kellu jinstab hati tar-reat ikkontemplat taht is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. L-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din l- Onorabbli Qorti, preseduta mill-Emeritus Imhallef Lawrence Quintano, fil-kaz fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Joseph Zahra**, moghtija fit-2 ta' Lulju 20123. F'dak il-kaz, Joseph Zahra kien akkuzat talli (i) saq minghajr licenzja tas-sewqan u (ii) talli ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa kien ammetta talli saq minghajr licenzja tas-sewqan u l-Qorti tal-Magistrati pprocediet billi sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet addebitati lilu. Huwa kien intavola rikors t'appell fejn kien talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha. Wara li gharblet il-provi kollha migjuba quddiemha, il-Qorti tal- Appell, f'dak il-kaz osservat illi:

> *hemm ammissjoni tal-ewwel imputazzjoni da parti tal-appellant u din awtomatikament iggib htija fit-tieni wahda- jigifieri l-imputazzjoni li l-appellant ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni.*

Bl-istess mod fil-kaz odjern, l-ammissjoni tal-appellat odjern Gilbert Gatt li huwa saq minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan, awtomatikament iggib htija fit-tieni imputazzjoni u cioè tar-reat hekk kif ikkontemplat taht is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar ir-reat in ezami, l-esponenti tirrileva li l-Qrati taghna kemm-il darba kellhom l- opportunità li japprofondixxu dwar l-interpretazzjoni tieghu. In fatti, l-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Imhallef Giovanni M. Grixti, fil-kaz fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Joseph Gatt** moghtija fit-18 ta' Jannar 2016, f'liema sentenza, il-Qorti osservat illi:

*Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi* ***sas-sena 2005, 1-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan. Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbligi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned ma jistghax jitqies li jezonera lill-kull sewwieq mill-obbligi tieghu taht il- Kapitolu 104****. Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il- Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn "dwar meta tiskatta l- prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu..".*

Illi fis-sentenza moghtija milli din l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Emeritus Prim Imhallef Silvio Camilleri, fil-kaz fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Andre Apap** fl-4 ta' Frar 2011 ^ 6 il-Qorti osservat illi:

***Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu cjar u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l- assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4 (4) ^ prime prime tal-Kap. 104. Din id- dispozizzjoni ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni.***

Illi in oltre, fl-umli fehma tal-esponenti, bil-mod kif is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal- Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta huwa redatt, ma hemm l-ebda interpretazzjoni li tista' tinghata ghajr wahda: li l-kliem ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra uzati fl-appena imsemmi subartikolu, ifissru **illi l-polza tal-assigurazzjoni ghandha tkopri lill-persuna li tkun qieghda tuza l-vettura u mhux lill-vettura nnifisha.**

Illi b'kull dovut rispett, l-esponenti tissottometti li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern hija wahda li ghandha konsegwenzi ferm serji u sahansitra perikoluzi. Dan qieghed jinghad stante li, bl-interpretazzjoni moghtija f'dan il-kaz mill- Qorti tal-Magistrati, qieghed jintbghat messagg lill-pubbliku in generali li kwalunkwe persuna tista' issuq kwalunkwe vettura basta li dik il-vettura tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Gjaladarba hemm dik il-polza tal-assigurazzjoni, is-sewwieq ikun ezonerat mir-reat ikkontemplat taht is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, irrispettivament jekk ikunx intestat bhala authorized driver fil-polza tal- assigurazzjoni; u sahansitra, irrispettivament jekk ikollux licenzja tas-sewqan jew jekk is- sewwieq ikunx tal-età.

Illi l-interpretazzjoni hekk moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz odjern certament tmur kontra l-ispirtu tal-ligi u l-intendiment tal-legislatur meta giet introdotta l-prezunjoni taht is-subartikolu 1A tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104. In fatti, fid-dibattati tal-deputati ta' nhar it-13 ta' Novembru 2002, fliema dibattati gew diskussi l-introduzzjoni tas- subartikoli 3(1A) u 3(1B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, liema subartikoli dahhlu fis-sehh permezz tal-Att XXX tal-2002, il-Ministru ghat-Transport u Kommunikazzjoni ta' dak iz-zmien Censu Galea accena ghall-bzonn li jigi assigurat li kull persuna li tkun qed issuq jkollha insurance cover.' Kwindi anke l-legislatur wera bic-car l-intendiment tieghu bl-introduzzjoni tas-subartikolu 1A tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet tal- Malta u cioè li l-polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni trid tkun tkopri lis- sewwieq tal-vettura u mhux lill-vettura nnifisha.

Illi huwa minnu li l-ligi taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta hija ntiza qabel kollox sabiex tipprotegi l-interessi ta' terzi persuni u huwa minnu wkoll li l-assigurazzjoni hija dejjem marbuta taghmel tajjeb ghad-dejn civili favur terzi persuni skont il-ligi. Madanakollu, dan ma jfissirx li allura kull sewwieq ikun ezonerat mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta' nhar is-27 t' April 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti rat il-verbal tal-14 ta' Dicembru,2022 redatt quddiem il-Qorti tal-Magistrati (fol. 8 tal-atti) fejn l-imputat irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi numru wiehed (1) u tlieta (3) migjuba fil-konfront tieghu u jikkonferma ammissjoni wara li l-Qorti tatu cans sabiex jerga' lura minn tali ammissjoni. In oltre l-appellant ghazel li ma jixhedx u li ma jressaq l-ebda prova.

Illi l-appellant Avukat Generali qed jintavola appell mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni akkuza stante li l-Ewwel Qorti ilbieratu minnha filwaqt li talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dik il parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel u tat-tielet akkuza.

Din il-Qorti rat ukoll l-affidavit prezentat minn PC 1399 Keith Schembri Mc Intyre mahluf minnu nhar l-4 ta' Gunju, 2022. F'dan l-affidavit PC Schembri Mc Intyre jghid li nhar is-6 ta' Mejju, 2022, huwa flimkien ma PC 1235 D. Mercieca kienu dettaljati sabiex jassistu f'road check li kien ser issir minn Ufficcjal ta' Transport Malta kif ukoll minn pulizija mis-sezzjoni tat-traffiku li sehh fi Triq is-Salini, San Pawl il-Bahar ghal habta ta' bejn id-21.30 p.m u 01.00am.

Waqt li kien ghaddej dan ir-*road check* PC 78 L. Grima mis-sezzjoni tat-Traffiku gibdilhom l-attenzjoni illi l-vettura kienet dahlet *f'service road* hekk kif lemhet id-dawl blu tal-vetturi tas-servizz. Huwa flimkien ma PC 1235 u PC 78 marru hdejn din il-vettura minhabba l-fatt li b'din l-azzjoni kienet qajmet suspett. Malli waslu fil-post indikat minn PC 78 setghu jinnotaw vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCJ 674 ta' l-ghamla Toyota Corolla li kienet ipparkjata *f'parking bay* abjad u persuna maskili hiereg minn din il-vettura. Din il-persuna rrizulta li jismu Gilbert Gatt l-appellant.

L-appellant gie mitlub sabiex jipprezenta il-licenzja tas-sewqan fejn qal li ma kienitx fuqu. PC 78 ghamel kuntatt mal-'control room' tal-Pulizija fejn irrizulta li Gatt qatt ma kellux licenzja tas-sewqan. Inghata l-ittra tad-drittijiet, li giet moghtija lil Gilbert u hekk kif dan qara u fehem dan kollu li kien hemm f'din l-ittra hu pprova jaghmel kuntatt ma l-avukat tieghu pero' rrizulta fin-negattiv.

**PC 78 Grima** xehed ukoll permezz ta' affidavit esebit fl-atti a fol. 4. Jghid li nhar l-10 ta' Mejju, 2022, huwa kellem lil Moira Mizzi li tigi omm Gilbert Gatt. Din stqarret mal-pulizija li dakinhar Gilbert kien ha c-cwievet 'spare tal-vettura msemmija, numru ta' registrazzjoni LCJ 674 tal-ghamla Toyota minghajr il-kunsens taghha mir-residenza taghha gewwa flat 9, Triq it Tamal, San Pawl il-Bahar. Moira kompliet tistqarr li c-cwievet spare sabhom ghaliex qed ticcaqlaq ghal residenza ohra kif ukoll ghaliex ghandu il-kundizzjoni ADHD. Hija nghatat id-dritt li tkellem avukat u kellmet lil Dr. Roberta Bonello. Il-vettura wara li giet imwaqqfa baqghet ipparkjata gol-parking bay abjad fejn is-sid u cioe Moira' Mizzi setghet tmur ghaliha.

**PC 1235 David Mercieca** ta' x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit (fol. 6) u kkonfema li nhar is-6 ta' Mejju, 2022, flimkien ma' PC 1399, kienu night watch. Ghal habta tad-9.30p.m kienu qed jghinu f'road check li kienet qed tinzamm mill-membri ta' Transport Malta flimkien mas-sezzjoni tal-Pulizija tat-Traffic. Dan sehh fi Triq is-Salini, San Pawl il-Bahar.

F'xi hin PC 78 miss-sezzjoni tat-Traffic, gibdilna l-attenzjoni li kien hemm vettura li kienet ser tidhol fis-service road il-mument li rat id-dawl blu tal-pulizija. Irrejalizza li dik il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni LCJ 674 u kienet tal-ghamla Toyota li kienet ipparkjata f'post indikat bl-abjad (white parking bay). L-appellanti Gilbert Gatt hareg mill-vettura. Gie mistoqsi sabiex jaghti l-licenzja tas-sewqan tieghu u dan qal li ma kienitx fuqu. Ix-xhud imbaghad ghamel kuntatt mal-Control Room tal-pulizija u rrizulta li Gilbert ma kellux licenzja tas-sewqan. L-itra bid-drittijiet tieghu giet moghtija lilu u in segwitu sahansitra anke ghamel kuntatt mal-avukat tieghu.

Din ix-xhieda ma kienitx kotnradetta b'xi xhieda tad-difiza u in ivista ta' tali xhieda id-difiza irregistrat ammissjoni ghall-ewwel u t-tielet akkuza. Kif indikat mill-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu li l-appellant kien irregistra ammissjoni li kien fil-pusses ta' vettura minghajr il-permess ta' sidha u li kien saq il-vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u ghalhekk dan ifisser li ma kienx kopert b' polza ta' sigurta.

Kif korrettament indikat mill Avukat Genrali hija l-obbligu tal-appellant li jipprova li hu kopert b' polza ta' sigurta u dan m'ghamlux.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Plamen Petko**[1] u **Il-Pulizija Vs Jonathan Grech**[2]:-

> *"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef**[3] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Carlo Abela**[4] fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali , ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver*

[1] Deciz nhar it-2 ta' Novembru 2006
[2] Deciz nhar il-25 ta' Jannar 2007
[3] Deciz nhar it-18 ta Settembru 2002
[4] Deciz nhar il-15 ta' Lulju 1996

*ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq , jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert '*

F'kull kaz, anki kieku l-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, jkunx licenzjat jew le, jkun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.

Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-

*"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura **MINNU** [5] ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."*

Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' **Sec.143 (1) (a) tar-Road Traffic Ac**t huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

[5] emfasi ta' din il-Qorti

Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-**ARCHBOLD**[6] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-

> *"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: **Philcox vs. Carberry** "*[7]

Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall **Criminal Law Review, 1960** li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-

> *"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent , the burden of disproving it lies upon the latter.[8]" In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J., obiter , in **Williams v. Russell**[9], that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."*

Imbaghad **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** [10] jghid:

[6] Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998 , London, Sweet & Maxwell , p.2417
[7] [1960] Crim. L.R. 563
[8] {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270
[9] (1933) 149 L.T.190
[10] (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788

"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured . (**Williams v. Russell**[11]; **Philcox v. Carberry**[12])

Ghalhekk l-appellat kellux ragun meta jghid li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni akkuza meta fl-istess nifs sabitu hati tal-ewwel u it-tielet akkuza u dan anke fuq ammissjoni tal-istess appellat.

Rigward it-tieni akkuza u cioe' li huwa saq il-vettura minghajr ma kien kopert bi polza ta' sigurta ai termini tal-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligjiet ta' Malta f'kaz ta' htija l-piena li tista' tigi komminata skond l-artikolu 3 (2) (a) tal-kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta' fil-kaz tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda ta' mhux izjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet akkuza u tal-piena inflitta mil-Ewwel Qorti ta' erbgha mija u ghoxrin euro (€420) fir-rigward ta' dawn iz-zewg akkuzi pero' qieghda tirriformaha fir-rigward tat-tieni akkuza billi qed issibu hati tat-tieni akkuza u tikkundannah multa addizzjonali ta' elfejn,tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti tordna li l-multa komplessiva t' €2749.37 tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt euro ( €100) ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[11] [1933] 149 LT 190
[12] [1960] Crim. L.R. 563

Qieghda ukoll ai termini tal-artikolu 3(2)(A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligjiet ta' Malta tordna l-ordni ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena mill-illum li tibda' ssehh minn nofs il-lejl (12.00am) tal-llum.

Tordna li kopja ta din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tat-Transport Malta.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**